MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 167/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**

**Jeffrey Sammut**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, u f'dawn l-ahhar granet qabel id-29 ta' Mejju, 2001 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza w**

**meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju, 2005, li biha wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(I) tal-Kap. 101, ir-regolament 9 tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltija (LM200). Ordnat ukoll li l-erbghin lira Maltija maqbuda mill-Pulizija jkunu konfiskati.
Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundannat lill-imputat ihallas l-ispejjes tal-espert li jammontaw ghal LM67.75.
Il-Qorti tat lill-imputat hames xhur zmien biex ihallas il-multa kif ukoll l-ispejjez.
Fl-ahharnett il-Qorti ordnat id-distruzzjoniji tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2005 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar pussess ta' droga, w tirrevokaha dwar l-aggravnati tal-pussess li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-esponenti, u f'liema kaz taghti provvediment li jaghmel ghal kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-pussess f' cirkostanzi tali li**

**juru li mhux ghall-uzu personali jridu jkunu fihom infushom cirkostanzi li fl-ewwel lok ma jhallu ebda dubju w mhux li jispustaw l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat. L-artikolu 26 (1) jimplika li jekk xi hadd jallega li ghandu licenzja jrid jipproduciha hu bhala prova. Imma l-ebda akkuzat ma jista' jkun mehtieg li jipprova l-innocenza tieghu jew il-piz tal-prova jkun tali li jrid jipprova li mhux hati. Il-pozizzjoni legali gusta hija li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi tar-reat u f' dan il-kaz mhux bizzejjed il-prova tal-pussess, imma trid tipprova wkoll dawk ic-cirkostanzi li jgibu t-tieni element tar-reat. L-ispustament tal-prova trid tkun biss fuq xi fatt partikolari u mhux fuq in-nuqqas ta' htija. Dan johrog ukoll mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ic-cirkostanzi li effettivament huma *circumstantial evidence* fl-ewwel lok iridu jkunu gravi, univoici w konkordanti w iwasslu ghal konkluzzjoni wahda. Hija zbaljata ghalhekk dik il-parti tas-sentenza fejn jinghad li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Dak l-oneru tal-prova ma giex spustat. 2. li l-fatti w cirkostanzi pruvati mhumiex univoci w konkordanti anki jekk wiehed jghid li huma gravi minnhabba l-kwantita' tal-qratas, haga li hi ammessa. L-ammont ma kienx eccessiv ghax is-*supply* li kien hemm ma taqbizx gimgha. L-ammont ghallkemm hu indizju wahdu mhux bizzejjed u mhux l-unika cirkostanza li wiehed irid ihares lejha. Il-karattru tal-appellant bhala *"loner*" u l-post imwarrab fejn sabuh il-Pulizija jinjetta ruhu huma cirkostanzi importanti. L-argument tal-flus li ghamlet l-Ewwel Qorti ma jreggix u l-fatt li fuqu nstabu LM40 mhux indizju li hu kien biegh jew li kellu l-pussess ta' droga f' cirkostanzi tali li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. U l-flus l-appellant spjeghom. 3. dwar il-piena l-appellant kien ghaddej minn problema serja hafna ta' droga u issa hareg minnha u ghalhekk jixraq li, jekk din il-Qorti tikkonferma l-htija dwar pussess semplici, jinghata provvediment li jaghmel ghall-kaz.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal-prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad-droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "*in all fairness*" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f' dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "*li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu".* Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :- "*Din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'."* U ziedet tghid : *"Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it-tqassim matematiku preciz taghhom u s-sejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f' idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu meta l-imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l-jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat."***

F' dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk ic-cirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet. Dan

hu proprju l-metodu li jrid jimxi bih kull gudikant fil-kamp kriminali w cioe’ li l-Ewwel jara jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-fatti allegati w jekk dawn jinkwadrawx fir-reat dedott, umbaghad, stabilit dan, jekk id-difiza jew permezz ta’ provi u/jew permezz ta’ sottomissjonijiet u argumenti taghti xi spjegazzjoni innocenti ghal dawk il-fatti, tara jekk dik id-difiza jew dik l-ispjegazzjoni moghtija hix konvincenti sal-grad tal-probabbli. Jidher li l-appellant ma fehemx ezatt x’ kienet qed tghid l-Ewwel Qorti w bena’ hafna argumentazzjoni fuq inversjoni ta’ provi li l-Ewwel Qorti qatt ma ghamlet. Forsi ma kienx jiehu dan l-izball kieku miz-zewg brani tas-sentenza appellata fuq citati, l-Ewwel Qorti, bhala ordni kronologiku semmiet fl-ewwel lok it-tieni bran u segwietu bl-ewwel bran. Pero’ din hija biss kwistjoni ta’ stil li kienet taghmel is-sentenza tfila ahjar pero’ ma hemm ebda spropozitu jew skorrettezza legali kif jimplika l-appellant.

Illi meta fis-sentenza appellata ssemma l-artikolu 26(1) tal-Kap.101, dan issemma biss fil-kuntest ta’ citazzjoni *verbatim* u *tra virgolette* ta’ sentenza ohra ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, li giet citata fis-sentenza appellata w cioe’ **“Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassan Trabelsi”** [17.2.1997], kif jidher mill-*footnote* a fol-4 tas-sentenza appellata. Indipendentement mill-interprertazzjoni li nghatat lill-artikolu 26 (1) minn din il-Qorti f’ dik is-sentenza, l-Ewwel Qorti ma jidhirx li addottat tali interpretazzjoni fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata w dak il-bran aktar gie citat – flimkien ma diversi sentenzi ohra – biex itenni x’inhi l-gurisprudenza dwar il-kriterju tal-ammont tad-droga misjuba li normalment wiehed jassocja ma’ uzu personali.

Ghalhekk dan l-Ewwel aggravju, ghalkemm jista’ jkun legalment korrett, bhala fatt hu infondat.

**Illi dwar it-tieni aggravju, dan jolqot l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-**

**apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989]; "I**l-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u hafna sentenzi ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(emfasi ta' din il-Qorti). (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina kif dedotta kontra l-appellant.**

Illi l-provi kontra l-appellant huma x-xhieda ta' WPS Marisa Bartolo, korroborata minn dik ta' WPC 158 Joanne Zammit, PC 599 Clive John Mangion u PC 10 Trevor Cassar Mallia li huma konkordi fuq il-fatt li fid-29 ta' Mejju, 2001, wara li kellhom rapport jew informazzjoni, marru go post imwarrab f' Burmarrad, fejn sabu karozza bajda Fiesta numru AAA-667 li fiha kien hemm l-appellant li dak il-hin li resqu fuqu deher jarmi xi haga mit-tieqa u b' idu x-xellugija deher jahbi xi haga taht is-seat u kien qed jipprova jinjetta ruhu b' siringa. Fuq is-seat tal-appellant instabu *blade* u xi *citric acid*. Minn tfittxija fil-karozza umbaghad instabu ghoxrin kantuniera zghar tal-boroz tal-plastik b' sustanza kannella suspettata eroina. Dawn kienu kollha mohbija taht il-*foam* tas-*seat*. Ingabru wkoll numru ta' boroz vojta w godda tal-istess tip tal-ohrajn

minn hdejn il-karozza. Instabet ukoll kuccarina li kien ghad fiha likwidu kannella w Lm40 fuq l-appellant.

Hemm umbaghad ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud li rrelata li fid-dokument 02 ATF 02/6/1 sa 02 ATF 02/6/20 instab total ta' 1.843 grammi ta' eroina imqassma f' ghoxrin borza b' piz medju ta' 0.092 grammi.

**Illi meta gie interrogat mill-Ispettur, l-appellant qal *"inter alia*" li dawn il-pakketti tal-eroina kienu tieghu w li hu qatt ma kien biegh eroina. Li hu kien xtara dik l-eroina bil-prezz ta' Lm90 u li din kienet *supply* ghal jumejn jew tlieta, ghaliex hu kien juza erba pakketti kulljum u kien ilu juza l-eroina ghal numru ta' xhur izda mhux kulljum. Hu kien mar fl-imwarrab Burmarrad ghax din ma kienx johodha god-dar. Kien qal ukoll li dak iz-zmien kien jahdem *"part-time*" u kien ilu jahdem hekk ghal xi xaharejn jew tlieta. Kien jahdem jumejn biss u jaqla xi tnax il-lira fil-gimgha. Fil-jum ta' qabel l-appellant kien qal li kien jixtri b' Lm200.**

**Fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ikkonferma l-istqarrija tieghu u qal li kien temm programm tal-Caritas biex jinfatam mill-vizzju tad-droga. Xehed li d-droga kienet kollha ghalih u li dak li kellu fuqu kien kalkolu ta' jum jew tnejn. It-tlitt pakketti miftuhin li kienu sabulu l-Pulizija kien qed juzhom dak il-hin. Kien jiehu bejn tmin u ghaxar pakketti kulljum, qiesu gramma kulljum ghax kien iqassamhom fi tmienja.**

**In kontro-ezami xehed li gramma kienet tiswa bejn Lm30 u Lm35 . Il-flus kien igibhom minnghand ommu, missieru w n-nanna u dak iz-zmien kien sallabhom. Il-habit kien jigih xi LM150 fil-gimgha u ma kienx jahdem.**

**Ghab-bazi ta' dawn il-fatti, l-Ewwel Qorti , wara li ghaddiet in rassenja diversi sentenzi li jirrigwardaw il-materja, kkonkludiet li l-Prosekuzzjoni kienet ippruvat il-pussess kif ukoll l-ammont tad-droga w qieset li l-**

**ammont tad-droga, l-ammont tal-qratas (ghoxrin), it-tqassim matematiku preciz taghhom u s-sejba ta' aktar qratas vojti fil-karozza w ta' Lm40 f' idejn l-appellant, meta dan lanqas kellu *job* tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli w li l-flus instabu meta l-appellant suppost kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l-jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi li jindikaw pussess aggravat.**

**Illi din il-Qorti tara li fuq il-provi maghmula mill-prosekuzzjoni l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li dawn ic-cirkostanzi kienu tali li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant fid-dawl tal-gurisprudenza citata mill-istess Qorti. Din il-Qorti lanqas ma issib raguni biex tiddiskosta ruha mill-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti li l-versjoni tal-appellant, priva minn kull korroborazzjoni anki sahansitra tal-familjari tieghu li suppost skondu kienu qed jiffinanzjawlu l-vizzju tieghu - li d-droga kienet intiza ghall-uzu tieghu biss ma kienetx attendibbli sal-grad tal-probabbli. Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti.**

Ghalhekk it-tieni aggravju dwar il-mertu qed jigi ukoll respint.

**Illi fir-rigward tat-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-piena jintqal li l-Ewwel Qorti applikat il-**minimu **possibbli tal-piena karcerarja w dik pekunjarja skond l-artikolu 22 (2)(b)(i) tal-Kap.101, meta kellha latitudini li tapplika piena ta' prigunerija sa ghaxar snin u multa sa ghaxart elef lira. Terga u tghid skond is-subartikolu (9) tal-artikolu 22, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali w dawk tal Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma japplikawx dwar xi persuna – bhall-appellant – li tkunu misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap.101. Ghalhekk din il-piena minima erogata kienet mandatorja w ma tistax titnaqqas minn din il-Qorti,**

**anki jekk l-appellant verament ikkonkluda b' success xi programm tal-Caritas fil-frattemp.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------